**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

11 ta' Lulju, 2021

# IL-ĦNIENA

Alla huwa Ħniena u jrid li aħna nħennu. "Jien ħniena rrid mhux sagrifiċċju", jgħid il-profeta Hosegħa. Il-ħniena hija l-essenza t'Alla. Il-ħniena hija l-loġika tiegħU, il-"politika" u s-sistema tal-Mulej. Li kieku Alla ma jkunx ħanin magħna nispiċċaw imħarbtin u niddispraw.

Min jagħraf li Alla huwa ħanin miegħu, ma jibqax fid-dnub tiegħu imma jipprova jeħles mill-ħakma tal-ħażen. Mill-banda l-oħra ma nistgħux inkomplu fit-triq il-ħażina għax nittamaw li Alla se jaħfer kollox. Min jargumenta b'dan il-mod, ikun qed jagħmel id-dnub tal-"manipulazzjoni t'Alla". Kif kiteb il-filosfu Franċiż Blaise Pascal, "Aħna nsejħu l-Ħniena t'Alla mhux biex huwa jħallina fil-paċi u biex inkomplu bil-vizzji tagħna, imma biex huwa jeħlisna minnhom".



Meta aħna stess inħennu għal ħaddieħor, ma naqgħux għall-vendetta u ma nispiċċawx inkunu vjolenti u kontinwament merfugħin għal min ikun weġġagħna. Min iħenn xorta jiftaħ qalbu għal min ikun umiljah u weġġgħu.

Anke fil-Kredu ngħidu l-kliem "nemmen fil-maħfra tad-dnubiet". L-ikbar att ta' ħniena huwa dak li taħfer lill-għadu tiegħek. Fl-aħħar mill-aħħar min jaħfer u jħenn, jorqod trankwill u jgħix kuntent.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**ROKNA EKOLOĠIKA: IL-ĦOBŻ**



Fl-imgħoddi l-ħobż kienu jifforma xi 80% tad-dieta tan-nies. Meta kien jonqos il-ħobż, kien hemm periklu li n-nies imutu bil-ġuħ.

## AVVIŻI:

**FESTA TAL-MADONNA TAL-KARMNU FIL-KAPPELLA TAS-SORIJIET:** nhar il-Ġimgħa 16 ta' Lulju fil-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani ser issir il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu f'jum is-solennità tagħha. Fil-5:30pm tingħad it-talba tar-Rużarju, Kurunella u Barka Sagramentali. Fis-6:00pm tibda l-Quddiesa li ser titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef. Mistiedna speċjali l-membri tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù u d-devoti kollha tal-Madonna tal-Karmnu.



**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** tavża li r-rebbieħa fl-inkwadru ta' San Pietru u San Pawl hija Carmen Attard ta' Triq il-Qala, bin-numru tal-biljett 589 (AD 745954) kulur oranġjo. Grazzi lil dawk kollha li ħadu sehem.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** ser jorganizza ġita ta' jum bil-katamaran għal Sqallija, is-Sibt 24 ta' Lulju. Inżuru Catania, Porte di Catania shopping centre, Scicli u Marina di Pozzallo. Għal booking kellmu lil James Buttigieg (79704840) , John Paul Azzopardi (79270074) jew John Xuereb (99829780). Il-prezz huwa ta' €95. Mhux ser naċċettaw tfal taħt is-16-il sena. Min jibbukkja jrid ikollu ċ-ċertifikat tal-vaċċin. It-taxxi huma inklużi.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am